# Sena Storika u Glorjuża għall-Ħamrun Spartans



*minn Eric Montfort*

Qed nikteb dan l-artiklu, b'ċerta dieqa għax ftit tal-ġimgħat ilu, l-Ħamrun Spartans, kontra kull mistenni, sfaw relegati. Qed ngħid hekk sa ċertu punt, għax wara li f'Jannar l-iskwadra ma saħħitx ruħha bil-barranin, tat biżżejjed ċans lir-Rabtin sabiex, imsaħħin kif kienu, għelbuna fl-aħħar stadju tal-kampjonat. Tassew nixtieq li nara l-Ħamrun ikunu mill-ġdid forza qawwija fil-futbol Malti, u bl-iskwadra taż-żgħar hemm ukoll dan iċ-ċans. Mingħajr ma nneħħi ebda mertu lid-diriġenti preżenti, li qed jagħmlu l-impossibbli biex iżommu skwadra tajba bil-limitazzjonijiet kollha finanzjarji li għandna, wieħed irid ukoll jaqla' l-kappell lill-mibki Victor Tedesco, għax kellu wkoll karizma liema bħalha. Barra minn hekk, 30 sena ilu, kellu min jgħinu bil-qawwi. Imma kien hemm ukoll id-determinazzjoni. Għalhekk irrid nikteb u nippubblika dan l-artiklu għax konvint li se jservi bħala ispirazzjoni kemm lill-plejers żgħażagħ Ħamruniżi, kif ukoll, u wisq aktar lil kull min jiftakar dak iż-żmien glorjuż għall-Ħamrun Spartans.



Sena biss qabel, l-Ispartans kienu wkoll f'xifer li jaqgħu minn mal-kbar. Lura fl-1981-82, f'kampjonat mirbuħ mill-Hibernians b'26 minn 28 punt, il-Ħamrun salvaw biss meta rnexxielhom jgħelbu lil Senglea Athletics 2-0, u dan wara li fl-ewwel rawnd, kellna biss 2 punti minn 14 (dak iż-żmien żewġ punti kull rebħa, punt għal dro). Il-Ħamrun għamlu kważi miraklu dakinhar, għax irnexxielhom iġibu 10 punti u jwaqqgħu lill-Isla, li kienu rivelazzjoni fl-ewwel rawnd. Victor Tedesco ħa f'idejh il-Ħamrun Spartans u kien determinat li ma jarax iktar diżappunti. Ried ukoll isaħħaħ skwadra sabiex tkun tista' tikkompeti u tipprova wkoll tirbaħ il-kampjonat hekk kif l-Ispartans kienu qed jiċċelebraw il-75 anniversarju mit-twaqqif tagħhom.

L-Ispartans kienu ħadu tliet kampjonati imma dawn kienu ġew fi żminijiet imgħoddija u l-aħħar kampjonat kien ilu li ntrebaħ 36 sena, lura fl-1946-47. Tedesco kellu l-appoġġ ta' kumpaniji mis-Sawdi Arabja, fejn kien għamel żmien jaħdem. Ra l-aħjar plejers li kien hemm fl-iskwadra u saħħaħha bi plejers li ġab minn klabbs oħra. Għalhekk, flimkien mal-aħwa Refalo u Michael Degiorgio, dak iż-żmien fil-bidu tal-karriera tagħhom, kif ukoll plejers oħra bħal Ġiġi Salerno, u Fredu Azzopardi, l-akkwisti ta' ftit qabel Ġorġ Xuereb u Charlie Zammit, żdiedu plejers rinomati bħal Raymond Xuereb, Edwin Farrugia, Carlo Seychell u l-gowler Joe Brincat. Tedesco anke rnexxielu jġib żewġ plejers barranin, l-Ingliżi Peter Hatch u John Linacre. Dan wara ħafna inkwiet mat-Taqsima tal-Immigrazzjoni u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Tedesco, issa raġel ta' 66 sena, kien determinat li jasal!

Dak iż-żmien, il-kampjonat Premier kien jintlagħab bejn tmien timijiet fuq żewġ rawnds. Kien ristrutturat b'dan il-mod sentejn qabel, u dan sar biex ikun iktar akkanit u jkun hemm inqas perċezzjoni



*It-tim tal-Ħamrun Spartans 1982-83*

t'abbuż u iktar attendenza. Il-Ħamrun Spartans mill-ewwel bdew bir-rebħ: 2-0 kontra ż-Żurrieq, dak iż-żmien skwadra tajba li kienet qed tkompli tissaħħaħ, fit-tielet sena tagħha fil-kampjonat. Komplew b'rebħiet impressjonanti, fosthom 5-1 kontra r-Rabat, dak iż-żmien, kienu għadhom kif telgħu mal-kbar, u kellhom bosta plejers promettenti, fosthom Carmel Busuttil, li dak iż-żmien kien għadu żagħżugħ ta' 18-il sena. Kien hemm rebħa importanti kontra s-Sliema li kienu jidhru li setgħu jagħtu sfida għall-kampjonat, għallinqas fl-ewwel rawnd. Il-Ħamrun tilfu biss żewġ punti fl-ewwel rawnd, meta qasmu l-punti mal-Belt u l-Furjana. Imma kellhom tliet punti vantaġġ fuq l-eqreb skwadra, is-Sliema Wanderers. Fin-naħa t'isfel, Ħaż-Żebbuġ kienu ankrati b'punt wieħed biss, imma l-Belt, il-Furjana u l-Hibs kienu fil-periklu b'ħamsa u sitt punti rispettivament.

L-Ispartani żammew konsistenza kbira anke fit-tieni rawnd. Sal-aħħar ta' Frar, il-kampjonat kien għoddu merbuħ, hekk kif bosta skwadri oħra prattikament tħabblu bejniethom f'taqtiegħa għar-relegazzjoni. Il-Ħamrun rebħu lill-Belt 2-0 u waqqgħu biss żewġ punti, meta ppareġġjaw mal-Hibs u mas-Sliema. Dawn tal-aħħar ħolqu l-ikbar sorpriża fil-kampjonat, għax fit-tieni rawnd, tilfu l-partiti kollha, ħlief għal rebħa kontra Żebbuġ Rangers (5-1) u l-istess pareġġ mal-Ħamrun Spartans, meta dawn kienu diġa ħadu l-kampjonat. Fil-verità fl-aħħar ġurnata tal-kampjonat, kien hemm biss żewġ punti jifirdu lis-Sliema li issa kellhom biss 12-il punt, mill-Furjana, Hibs u Żurrieq.



*Xeni ta' sapport Ħamruniż fl-aqwa tiegħu.*


*Joe Brincat*


*Michael Degiorgio*


*Edwin Farrugia*


*Ġiġi Salerno*


*George Xuereb*


*Emmanuel Spagnol*

L-aħħar logħba tas-Sliema kienet kontra l-Hibs li kienu punt fuqhom. Rebħa kienet tfisser is-salvazzjoni tagħhom u relegation decider bejn il-Hibs u l-Floriana. Iżda l-Hibs rebħu 1-0 u b'hekk għall-ewwel u l-unika darba fl-istorja glorjuża tagħhom, is-Sliema Wanderers niżlu f'diviżjoni inferjuri. Il-Ħamrun Spartans rebħu l-kampjonat b'24 punt, distakk ta' tmien punti fuq l-eqreb skwadra, li kienu l-Belt u r-Rabat, li ġabu 16-il punt kull wieħed. B'hekk laħqu r-rekord li kienu waqqfu l-istess Hibs is-sena ta' qabel. Kienu l-istess Spartans li kisru dan ir-rekord meta ħadu l-kampjonat 1986-87 b'distakk ta' disa' punti fuq il-Belt u ż-Żurrieq.

Għadni niftakar il-festi mill-akbar li kienu għamlu l-Ispartans meta ntrebaħ dan il-kampjonat qisu l-bieraħ. Kont ili ma nara folol daqshekk kbar għal snin twal meta dakinhar, is-Sibt, 30 ta' April 1983, il-folla bdiet mill-Blata l-Bajda minn fejn il-kappella, u kompliet għaddejja sal-istess każin tal-Ispartans u l-Knisja Parrokkjali! Kien hemm ukoll xandira diretta fuq Radju Malta, ippreżentata minn Ray Azzopardi u Eileen Montesin. Kienet daqsxejn waħda ironika li tara wieħed li għandu passjoni kbira għall-Ħamrun Spartans, ma' xandara li l-Belt Valletta hija l-mimmi t'għajnejha, imma dan huwa s-sens sportiv! Is-sena ta' wara nbidlu r-rwoli hekk kif il-Belt rebħu l-kampjonat, u x-xandira saret minn Triq ir-Repubblika.

L-Ispartans għalqu din is-sena b'mod verament tajjeb meta rebħu lill-Belt fil-finali tal-F.A. Trophy bl-iskor ta' 2-0. B'hekk ukoll, għall-ewwel darba, it-Trophy ġiet il-Ħamrun. Nittama li xi darba jerġgħu jiġu dawn il-mumenti ferm sbieħ. L-aħħar kampjonat intrebaħ 22 sena ilu. Sfortunatament, is-suċċess tal-Ħamrun kellu jkun ukoll, fis-snin ta' wara, il-bidu tat-tmiem tal-istess Spartans, għax bil-konkorrenza qawwija li kellhom, l-Ispartans, tul is-snin, ispiraw bliet u rħula oħra biex jagħmlu l-istess. Spiċċa l-appoġġ qawwi li kellhom is-Sliema u l-Furjana. Il-Belt biss baqgħu jiġbdu ħafna ammirazzjoni lejhom, u dan forsi huwa spjegat mir-rabta qawwija li għandhom il-Beltin anke meta joħorġu jgħixu barra mil-lokalità tagħhom. Iż-Żurrieq u r-Rabat kisbu wkoll suċċess fis-snin 80, u llum, Birkirkara, Ħal Qormi u Ħal Tarxien, li kibru ġmielhom għandhom skwadri qawwija. Issa hemm ukoll il-Mosta li llum hi waħda mill-akbar lokalitajiet bil-popolazzjoni tagħha, filwaqt li ċkienet sew il-popolazzjoni tal-Ħamrun. Nemmen li xorta waħda, il-Ħamrun Spartans jerġgħu jibnu skwadra formidabbli kif kienet fis-snin 80, għax bħall-Belt, l-Ispartans għandhom ħafna nies leali lejhom. Iż-żmien għad jagħtina parir.


*Fredu Azzopardi*


*Alex Azzopardi*


*Marco Grech*


*Leo Refalo*


*Ray Xuereb*


*Gejtu Refalo*